MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 251/2011

Kawza fil-lista: 18

**A *sive* B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici ta' A sive B C tat-12 ta' Ottubru 2012 li permezz tieghu ippremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-hdax ta' Novembru tas-sena 2000 fil-knisja tat-Trinita' Mqaddsa, il-Marsa;

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti giet reza impossibbli minhabba adulterju, sevizzi u ingurji gravi da parti tar-rikorrenti u minhabba l-fatt illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

3. Illi, oltre dan, l-intimat bhalissa ghaddej proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati minhabba li jinsab akkuzat bi traffikar ta' klandestini, u in segwitu ghal tali proceduri, inhareg ordni ta' ffrizar fuq l-assi tieghi, li kopja qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dokument *'A'* u minhabba fiha l-esponent qed tiffaccja diffikultajiet kbar, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din il-kawza wara proceduri ta' medjazzjoni li jgibu n-numru 1369/10 u li nghalqu fl-erbatax ta' April tal-2011 kif prorogati u kopja tad-digrieti relattivi qed jigu hawn annessi bhala Dokument "B" u “C”;

5. Illi minkejja tentattivi, xorta wahda baqa' ma ntlahaqx ftehim sabiex il-partijiet jaslu ghal separazzjoni konsenswali.

Jghid l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghall-htijiet imputabbli lill-istess intimat;

2. Tillikwida l-manteniment dovut mill-intimat lir-rikorrenti

3. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti d-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 48 et sequitur tal-Kodici Civili (Kap 16);

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u l-komunjoni ta' proprjeta ezistenti bejniethom u tordna li l-istess assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u proprjeta ohra komuni bejniethom jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti, tenut kont tad-data tal- akkwist tad-diversi assi, attiv u passiv formanti l-istess komunjoni u/jew komunjoni ta' proprjeta, id-data stabbilita minn dina l-Qorti bhala d-data meta l-istess intimat ghandu jitqies li kien hati tal-firda u kwalunkwe kreditu parafernali dovut

lill-esponenti, liema porzjonijiet ghandhom jigu assenjati wahda lill-esponenti u l-ohra lill-intimat, okkorrendo ghall-finijiet ta' dina t-talba, jigi nominat perit sabiex jillikwida l-istess assi u kwalunkwe kreditu parafernali dovut lill-esponenti, jipproponi pjan ta' divizjoni u nutar sabiex jippubblika l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-istess att

5. Tikkundanna lill-intimat sabiex jikkonsenja lill-esponenti l-beni kollha parafernali taghha;

6. Tiddikjara, jekk ikun il-kaz, illi l-fond 71, Orchidea, Triq Joseph Abela Scolaro, il-Hamrun, proprjeta parafernali tal-esponenti, m'ghadux jikkostitwixxi d-dar matrimonjali.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni;

Rat illi l-konvenut D C, nonostante li gie notifikat bl-imsemmi rikors fit-30 ta’ Ottubru 2012 baqa’ ma pprezentax risposta.

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat;

L-artikolu rilevanti ghat-talba in dizamina huwa l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi illi:-

“(1) Il-qorti tista’, f’kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta’ firda, fuq talba ta’ wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta’ residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.

(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b’sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta’ permess tal-qorti għal dan.

(3) L-ordni ta’ waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell,

minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa’ tgħodd ukoll jekk il-kawża ta’ firda ma titkompliex.

(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f’dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.

(5) L-ordni ta’ waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti
li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta’ residwu taħt amministrazzjoni separata sar b’att pubbliku.

(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta’ waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni talakkwisti jew tal-komunjoni ta’ residwu taħt amministrazzjoni separate li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta’ firda, meta tagħti ssentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta’ residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.

(7) Il-qorti tista’ iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jehtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista’ fl-ordni tistabbilixxi.

(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista’, għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti.”

Is-sub inciz 4 tal-artikolu 55 fuq citat jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta’ konjugi, l-qorti ghandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta’ tali waqfien waqt il-kawza. Fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti mhiex qed tara li jekk it-talba tintlaqa’, il-konvenut ser ibati xi pregudizzju mhux proporzjonat. L-akkuzi serjissimi li l-konvenut tressaq il-

Qorti dwarhom inehhu kull dubju illi r-rikors mertu ta’ din is-sentenza in parte ghandu jigi akkolt.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda:

1. Tilqa’ t-talba maghmula mill-attrici bir-rikors fuq imsemmi u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet b’ effett mill-14 ta’ Frar 2011.

2. Tordna li a spejjez tal-attrici din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistraha fir-Registru Pubbliku.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------